**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 24 ta' Jannar, 2017

**Il-Pulizija**
**(Spettur Raymond Cassar)**

**-vs-**

**Maria Isabella sive Marisa Turkdogan nee Camilleri, detentriċi tal-karta tal-identita 270466M**

***Kumpilazzjoni Nru. 188/2007***

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputata u ċioè talli:

1. Fix-xhur ta' bejn Marzu 2006 u Frar 2007, ħadet b'qerq, iddistruġġiet, ma ħallitx sħaħ jew serqet dokumenti, proċessi jew karti oħra, reġistri, atti jew xi ħwejjeġ oħra, li kienu qegħdin fl-arkivji pubbliċi jew fl-uffiċċji oħra pubbliċi jew li kienu mogħtija f'idejn depożitarju jew uffiċjal ieħor pubbliku minħabba l-kariga tiegħu; u

2. Fix-xahar ta' Frar 2007 u fix-xhur ta' qabel, f'ħinijiet differenti f'dawn il-gżejjer xjentement laqgħet għandha jew xtrat ħwejjeġ misruqa, meħuda b'qerq jew akkwistati jew xjentement b'kull mod li jkun indahlet biex tbiegħhom jew tmexxihom.

Ikkunsidrat-

Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew bejn l-2006 u l-2007, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma illum.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata rregistrat ammissjoni ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghha.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453(1) tal-Kapitolu IX, Ligijiet ta' Malta, u cioe' wara li l-imputata wiegbet li hija hajta ghall-akkuzi migjuba fil-konfront taghha, din il-Qorti wissietha b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba u hi nghatat zmien xieraq sabiex jekk riedet setghet terga' lura minnha.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tad-29 ta' Novembru, 2007,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputata biex tigi gudikata minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

Rat li l-imputata ma kellhiex oggezzjoni li l-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet maghmula mill-prosekuzzjoni u mid-difiza dwar il-piena.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat:

Illi l-imputata ammettiet l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront taghha u ghaldaqstant fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizjonata taghha, l-Qorti tiddikjara li m'ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputata hatja tal-akkuzi kollha migjuba fil-konfront taghha kif minnha ammessi.

Illi t-tieni akkuza nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel wahda u ghalhekk il-Qorti qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-istess.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li qieghda tinstab hatja dwarhom l-imputata, ic-cirkostanzi tal-kaz, il-fedina penali taghha w c-cirkostanzi l-ohra kollha tal-kaz partikolarment li da nil-kaz jirrisali ghal kwazi ghaxar snin ilu, u ghalhekk piena karcerarja certament ma ghadhiex wahda idoneja.

[1] Fol.22

Ghal dawn il-mottivi wara li rat l-artikoli 17, 31, 41(1)(a), 144(1), 261(d)(g), 269(d), 271(i), 281(a)(b), 308, 334, 334A tal-Kodici Kriminali, fuq ammissjoni ssib lill-imputata hatja tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront taghha, izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula, b'applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta, qeghda tillibera lill-imputata bil-kundizzjoni li ma taghmilx reat iehor fi zmien sena millum.

Il-Qorti spjegat lill-hatja l-konsegwenzi jekk tikkommetti reat iehor waqt il-perjodu operattiv ta' din is-sentenza.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**